MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2004

Numru 639/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Roland Cassar**
**v**

**ALFRED FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRED FARRUGIA** ta' erbghin sena bin Carmelo u Teresa nee Pullicino, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' April 1965 u joqghod 2, Triq it-Tigrija, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 231865M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa ta' Awissu 2004 ghall-habta tas-saghtejn neqsin hamsa ta' wara nofsinhar bil-hsieb li jaghmel feriti gravi fuq il-persuna ta' Joseph Bratolo detentur tal-kaarta tal-identita numru 498650M skond l-artikolu 219 tal-Kap 9 wera dan il-hsieb

b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit peress li s-suspettat waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'distanza ta' inqas minn mitejn metru minn post abitat b'perikolu ghal min setgha kien ghaddej.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr arma tan-nar f'fond jew post li jaghmel mieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Talli sar recidiv b'sentenza definittiva moghtija nhar d-dsatax ta' Settembru 2003 mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli, torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat hdax ta' Awissu 2004 esibit fl-atti a fol 11markat bhala dokument CSH 1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Settembru 2004, kif jirrizulta mill-verbal tal-istess seduta a fol 27 tal-atti odjerni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra

tieghu. Il-Qorti pero innotat illi ma tistax titratta lill-imputat bhala li huwa recidiv ai fini tas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fid-dsatax ta’ Settembru, 2003 ai fini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti in segwitu ta’ din l-ammissjoni ghaddiet biex tisma’ l-allegat vittma u cioe` lil Joseph Bartolo u dan ghamlitu fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin ta’ Awissu, 2004. Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta li huwa ma kienx affrontat b’perikolu imminenti ghaliex in effetti l-imputat ma sparax lejh meta kien vicin tieghu u li huwa kien spara lejn l-art. L-imputat kien telaq jigri l’hemm wara u iddesista b’mod volontarju mill-esekuzzjoni tad-delitt. Illi skond l-artikolu 41 (b) il-Qorti ghandha tikkundanna lill-imputat ghal dak li lahaq ghamel jekk dak li ghamel jikkostitwixxi delitt u ghalhekk il-piena aplikabbli tkun dik ghad-delitt li huwa ikkommetta. Issa mill-provi prodotti jirrizulta illi d-delitti li l-imputat ghamel huma li spara arma tan-nar f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru minn post abitat bi perikolu ghal min seta’ kien ghaddej skond l-artikolu 9 (2) (a) skond l-avviz legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emendat u talli zamm u garr arma tan-nar f’fond jew post li jaghmel mieghu skond l-artikolu 3 (1) tal-Kap 46, oltre xi kontravenzjonijiet ohra.

Illi skond l-artikolu 25 (3) (a) tal-Avviz Legali 146 tal-1993 l-piena massima li l-Qorti tista’ tghati hija multa ta’ hames mitt lira Maltin filwaqt li skond l-artikolu 3 (1) tal-Kap 66 il-piena massima li din il-Qorti tista taghti hija multa li ma teccediex il-hames mitt lira Maltin u prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlett xhur.

Il-Qorti qiset is-segwenti fattur rigwardanti l-piena u cioe` l-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu ta’ dawn il-proceduri u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed u prezzjuz tal-Qorti u l-fedina penali tal-imputat li mhiex daqstant refrettarja esebita a fol 9 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat habat dufrejh mal-ligi fi tlett okkazjonijiet u inghata pieni ta’ multi u Probation. Illi ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja sospiza bil-ghan illi l-imputat ikollu mannara fuq rasu sabiex isservi ta’ deterrent u izzommu l-boghod mill-

kriminalita` liema sentenza ta' prigunerija pero' minhabba il-kooperazzjoni tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu ghandha tigi sospiza.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(b), 50, 216, 338(dd), 383 tal-Kap 9 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 9 (3) (a) u 25 (3) (a) tal-Avviz Legali 146 u **tiddikjara li ssib lill-imputat ALFRED FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha salv dik ta' recidiva u tiddeciedi li tikkundannha lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' tlett xhur sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250)**.

**Oltre dan il-Qorti qed torbot lil imputat li ma jimmolestax lil Joseph Bartolo ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas.**

**Il-Qorti tordna lil Kummissarju tal-Pulizija ma jaghtix licenzja lil imputat f'kaz li huwa japplika sabiex jgorr jew jzomm arma tan-nar u dan ghal perjodu ta' hames snin mill-lum ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------